# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Apostolat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea (str.Cristoforu, numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IL ĦAMIS, 11 TA APRIL, 1912. NRU. 10.

*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parrocci taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*
† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Il Ghid u il Cungress Eucaristicu

Seŭŭa kalet il *Gazzetta di Malta*: is-sena l'oħra, il Ghid imkaddes, li hu l'akŭa festa tal Cnisja nisranija, ghax bil kaŭma ta Gesù minn bejn l'imŭiet geŭ tŭettku il misterji collha tar-Religjon taghna, ferraħna haŭn Malta bil festi li dac in-nhar saru lill maħbub Raghaj ta ruħna, f'gheluk it-80 sena tieghu; u din is-sena raġa ferraħna billi nhar il ħadd, minn fuk il pulptu ta *San Ġŭann*, giè imxandar il *Cungress Eucaristicu*.

Monsinjur Paċ, Arci-Iskof ta Malta—li ghalak 81 sena ilbieraħ tl'ura—nhar il Ghid, mhux biss li ghamel il Pontifical, bħalma ghamel fit-tliet ti jem collha ta kabel, jitkarben cull jum hecc tard, imma, ŭara l'Evangelju, niseġ *Omelija* minn daŭc li jaf jaħdem Hu, b'kaŭŭa ta ragjunijet u bi ħleŭŭa tal 'lsien taljan li ma jibżghu jitchejjlu ma tal ebda Predicatur fl'aħjar ta 'rgjulitu! Alla mieghu! U dic l'*Omelija*, li chienet mismugha b'ġabra cbira minn cullmin chien hemm, spiċċaha bi stedina lill Poplu li ihejji-ruħu ghall *Cungreess Eucaristicu*, la darba messitna ix-xorti li din is-sena li gejja isir Malta. Ŭira, fl'aħħar nett, ix-xeŭka tieghu li f 'din il festa imkaddsa incunu ilcoll ħsieb ŭieħed u kalb ŭaħda, biex tirnexxi ta glorja ll'Alla u gieħ u fejda ghall Pajjiżna: u aħna natuħ il chelma li il *Ħabib* ma jinsiex it-tŭiddiba tieghu.

Il *Cungress Eucaristicu Universali* (jigifieri *Lakgha ta Cattolici tad-dinja collha biex jitchellmu fuk* IS-SAGRAMENT *u jatuħ kima*) ilu isir xi 25 sena: isir darba fis-sena: idum xi ħames ti jem: u cull sena isir f'ŭaħda mil bliet il cbar tad-dinja. Sar Milan, Madrid, Montreal, Londra, Brusell u fi bliet oħra ta din l'impurtanza. Is-sena, fix-xahar ta settembru, sejjer isir Vienna, taħt il protezzjoni tal Imperatur; u is-sena li gejja, bil ghajnuna t'Alla, isir Malta. Dan hu biż-żejjed biex taraŭ chemm hi cbira ix-xorti li messitna fiċ-ċocon taghna. Il Protestanti, mita semghu li sejjer isir il *Cungress Eucaristicu* Malta, ghamlu ghall Cardinal Bourne, li ħadmilna ghaliħ, ghax deherilhom li nifta ta Gżira mis-Saltna bla-tarf taħħom, ma ghandux icollha dan il privileġġ. Imm' aħna, ghad li żghar fil ghadd tan-nies u fil medda tal art, cbar f'li Storja tal Cnisja Cattolica, ghax ħaddanna is-Salib mill'eŭŭel nies taddinja u katt ma klibna il Fidi li ghallimna Missierna San Paŭl: jigifieri ghadna Cattolici, bla ma tbandalna katt, minn żmien l'Appostli.

Il *Cungress Eucaristicu* hu ħaġa tant cbira ghalina, li jibka' jissemma f'li *Storja ta Malta*. U, b'dan il ħsieb f 'rasna, jaħtieġ nithejjeŭ ghaliħ, jecc irridu li jirnexxi chif jixrak lill Cnisja Cattolica u Lilna!

Nhar il Ghid, ŭara l'*Omelija* tal Iskof, inkrat f '*San Ġŭann* il *Pasturali* li tati l'aħbar tal *Cungress* lill Poplu: u ghad li, bħalma tafu, il *Pasturali* jinkraŭ collha f'dic il Cnisja miċ-Cerimonier, fuk il Presbiterju, din, biex juri l'impurtanza taħħa, l'Iskof ried li tinkara fuk il pulptu mil Canonicu l'actar anzjan li icun hemm fil Cor, liebes bil Cappa u bil Mitra!

Ħaġa ġdida u sollenni, bħalma ħaġa ġdida u sollenni icun ghalina il *Cungress Eucaristicu*, li juri lid-dinja il Fidi Cattolica ta Malta: u icun ta fejda ghar-ruħ u ghall gisem, ghax jecc daŭc l'eluf ta nies li jiġu haŭn fil ġranet tal *Cungress* (ħames Cardinali, ma dŭar mit Iskof, Cbarat u passiggieri ta cull katgha, li il Cunventi, il Palazzi u il Lucandi ta Malta collha ma icunux jesghuhom, chif difatti diġà geŭ mitlubin bosta Sinjuri privati biex jilkghu minnhom fi djarhom) jecc daŭc l'eluf ta nies, mil banda il ŭaħda, jitghaxxku bil ħrara taghna ghar-Religjon u bil kima ta cull ŭieħed minn'na ghas-Sagrament tal Artal; mil banda l'oħra, jaraŭ li xejn m'aħna chif ipinġuna il gażetti ta Barra, seŭŭa ingliżi u seŭŭa taljani u franċiżi, u la ghas-saħħa u l'indafa tal pajjiż u inkas ghall ghamil u l'imgiba taghna; chif ucoll, fl'aħħar nett, f 'din in-nixfa tal Cummerċ u f'dan il kaghad, il *Cungress* icun ta barca ghalina, bit-tkankil tax-xoghol ghall ħafna frieghi ta ħaddiema u bil flus li jitħalleŭ haŭn.

Din il gimgha jeŭ fil bidu tad-dieħla, jigi imxandar u actarx ucoll imlakka' l'eŭŭel darba il *Cumitat cbir* li ghażel l'Iskof ghall *Cungress Eucaristicu* u dan icun l'eŭŭel pass, biex collox, bid-dehen tal Cbarat u bil ħrara tal Poplu, jirnexxi chif nixtieku b'kalbna collha.

## L'Emigrazzjoni.

Daks chemm żdiedu in-nies u nakas ix-xoghol, cull-ħadd jara b'ghajnejħ u imiss b'idejħ li jaħtieġ infittxu chif nifthu il bŭieb ta artijet oħra, fejn il Maltin jistghu imorru jaħdmu, bit-tama li hemm ighixu tajjeb u ifaddlu ucoll. Hecc jaghmlu in-Nazzjonijet l'oħra collha u hecc jixrak naghmlu aħna, jecc ma irridux li jibka' jicber il ghacs taghna: u minn dan ghandcom tifhmu li min iħabrec ghall' *Emigrazzjoni*, jigifieri biex ighinu il Maltin li minn jeddhom iridu imorru ighixu f'art oħra, ħakku cull tifħir u cull kima.

Li hemm bżonn l'*Emigrazzjoni*, jafu cull-ħadd: iridha il Gvern u iridha il Poplu: u ghal-hecc il Cumitat tal Appostulat tat-Talb, li jakbeż ghal cull gid tal Maltin, tħàbat ferm u ghadu jitħàbat ghaliha. Imma fuk il ghażla tal artijet li jakblilna nibaghtu in-nies taghna fihom, daŭc stess li jaħdmu ghall' *Emigrazzjoni* m'humiex ta fehma ŭaħda. U aħna, *ħbieb* tal Maltin collha u ta cull min iħobbhom, ninsabu fid-dmir li insemmghu lill karrejja taghna iż-żeŭġ kniepel.

Ghal hecc, mela, bħalma gibna bil kalb dac li chitbilna fuk l'*Emigrazzjoni* is-Sur W., ŭieħed mil gheżeż ħbieb taghna, jaħtieġ ingibu ucoll din l'ittra tal Avucat Mizzi, id-Direttur tal *Gazzetta di Malta*, la darba ma chienx biż-żejjed li semma il *Habib* u faħħru fil gażetta tieghu, imma ghoġbu saħansitra li jictbilna.

Din hi: akraŭha:—

Mil li Stamperija tal *Malta*,
fit-30 ta Marzu, 1912.

Sieħeb ghażiż,

Mill' aħħar ħarġa tal *Habib*, li inti kieghed tmexxi tajjeb ŭisk, ħadt l'aħbar li daŭc l'erbatax il familja ta Maltin, li issiefru mil *Cumitat tal Emigrazzjoni* ghall Brażil, biex jara jecc hu tajjeb jeŭ le il ħsieb li rafa is-Sur Vadalà, sejjrin iġaghluhom ighammru f'Campinas.

Mita dac il ħsieb tas-Sur Vadalà (li jieħu il Maltin fil Brażil) chien giè imxandar l'eŭŭel darba, jena cont ħriġt ghaliħ: u deherli li chien dmir tieghi infittex li inŭakkghu fil *Malta*, chif chienu nebbħuni xi uħud minn tal *Cumitat tal Emigrazzjoni*, ghax daŭn chienu gharrfuni li il Cumitat taħħom chien gharbel dac il ħsieb tas-Sur Vadalà u chien kataħħa li ma ghandu iħajjar b'xejn ghaliħ. Dan chien giè ucoll mgharraf u imŭettak mis-*Segretarju* ta dac il *Cumitat*, b'ittra li ħarget fil *Malta* tat-28 tu Aŭissu li ghadda—tista' tghid malli chien giè imxandar il ħsieb tas-Sur Vadalà.

Issa, ŭara tmin xhur nieksin, il *Cumitat*, minghajr ma kal lin-nies ghaliex, biddel il fehma tieghu: u minn-fuk baghat l'*Emi-*

*grati* taghna f'Campinas, fejn, chif jidher mir-Rapport tal Ministru Taljan, isiburuħhom aghar minn cull naħa oħra tal Brażil.

Ara x'ighid il *Bulettin tal Emigrazzjoni*, li joħroġ minn taħt idejn il *Ministru Taljan tal Esteri*, fin-numru 18 tal 1910, seŭŭa-seŭ fil paġni 138 u 139, mnejn ħadt dan li gejj, chelma b'chelma: "a) il ħajja tal *Emigrati* taghna, fuk chif igibu-ruħhom maħħom,—kieghed jicteb Ŭigi Rossi, *Cumissarju Generali tal Emigrazzjoni mill' Italja*—bakghet mgharrka fil *fazendas*; u actar ma nitbieghdu mil bliet u nidħlu il-geŭŭa, actar hi ħażina. U din m'hix ħajja li tista' titbiddel m'illum ghal ghada, ghax ix-xoghol bil ħlas fil *fazendas* baka' sejjer bid-draŭŭiet ta żmien il jasar u ħaġa tkila li jista jitbiddel. Ghal dac li hu klieħ tal bdieŭa bil ħlas, issib kabża minn xakliba ghal oħra. Fix-xaklibiet ta Pretu u ta Jahù hu ŭisk aħjar minn dic ta Campinas: u dan seŭŭa ghax is-siġar ta daŭc l'inħaŭi huma actar żghażah u jatu actar, u seŭŭa ghax ghad hemm iddraŭŭa li il bdieŭa jistghu jaghmlu kalb is-siġar tal Cafè l'uċuħ tal ġŭieżijet ghalihom, fil ŭakt li fl'inħaŭi ta Campinas, chif ucoll cull fejn is-siġar huma xjuħ u l'artijet mirdughin bħal ta hemm, daŭn l'uċuħ jeŭ ma jatuhom jaghmluhom xejn jeŭ jatuhom jaghmluhom f'art oħra, li trid xoghol u infiek ta flus ŭisk acbar."

Biex tifhmu aħjar dan li ghedt l'aħħar, ghandcom tcunu tafu li il bdieŭa ta *San Paŭl* tal Brażil jaħdmu is-siġar tal Cafè fil *fazendas* (oksma cbar ta Mghallmin imsejjħa *Fazendeiros*, li idaħħluhom maħhom): u biex iħajjruhom jaħdmulhom actar, jatuhom jaghmlu ghalihom l'uċuħ tal ġŭież kalb is-siġar tal Cafè. Imma inkas dan ma hemm Campinas, fejn inbaghtu in-nies taghna.

Campinas hi l'aghar xakliba ta *San Paŭl* tal Brażil. Akraŭ chif jissocta jitchellem Ŭigi Rossi: "Bħal issa, (1910) f'bosta minn daŭn il *fazendas* ta Campinas, ħutna (it-Taljani) kieghdin mill' aghar li jistghu icunu, ghax tista' tghid il *Fazendeiros* collha jinsabu mghobbijin bid-djun u ma jistghux iħallsu fil ħin il bdieŭa. Ħafna minn daŭn il bdieŭa, minn xi drabi, icollhom jitilfu il gharak collu ta xogholhom."

Fuk is-saħħa ucoll hemm ŭisk xi nghidu. "Il marda l'actar ħarxa — icompli ighid Rossi—u li minnha ghandu jibza' cull min jixtiek jindocra tajjeb is-saħħa tal bdieŭa fil Brażil, hi *it-tracoma* (*marda chiefra tal ghajnejn*), li tinsab, fejn iżjed u fejn inkas, f'cull xakliba ta geŭŭa *San Paŭl*: u fl'inħaŭi tal art ħamra, bħalma huma Pretu u Jahù, hi tas-seŭ *fragell* cbir, l'actar ghat-trabi."

Bit-tama li tcun trid takleb din l'ittra tieghi bil Malti chif taf inti u ixxandarha fil *Habib*, niżżic-ħajr bil-kuddiem u nghoddruħi

il ghażiż tieghec
Dott: G. Mizzi.

**Ŭara li conna stampajna dan collu, ŭaslitilna din l'ittra tas-*Segretarju tal Cumitat tal Emigrazzjoni*, bit-talba li ma 'nħalluhiex ghal ħarġa oħra ghax ma tcunx actar fil ŭakt: u aħna, biex nibkghu insemmghu, bħalma ghedna, iż-żeŭġ kniepel, sejjrin indaħħluha ucoll, ghalavolja il ŭisa ċchejchen tal *Habib* ma tantx irid hecc. Il biċċa tal *Emigrazzjoni* katt ma chienet imkankla bħal dan il mument: u aħna, biex cull-ħadd ighid chif jaħsibha u hecc in-nies ma jibkghux fid-dlam, naghmlu dan is-sacrificcju ghaliha.**

Il Belt, fid-29 ta Marzu, 1912.

Sinjur,

Il *Cumitat* tal *Emigrazzjoni Maltija* talabni sabiex nuri lill pubblicu billi ingib fil gażetta ta *Malta* li ŭieħed u sebghin ruħ, li jaghmlu erbatax il familja, taħt it-trigija tas-*Sacerdot u Canoncu Dun Pietru Paŭl Charbon* ta *Birchircara*, ilbieraħ ħalleŭ il Malta u telku mal vapur Franċiż *Carthage*, sabiex imorru geŭŭa *Santos* (Brażil) minghajr ma iħallsu flus, ghaliex ghal dac li hu ħlas ħa ħsieb il *Gvern* ta *San Paŭl*.

Mita tkankal il ħsieb fuk din l'*Emigrazzjoni* ghal geŭŭa *San Paŭl*, l'eŭŭel ma uriħ chien il *Commendatur R. Vadalà*, iżda f'xi uħud mil membri tal *Cumitat* chien nibet xi biża fuk l'arja ħażina, fuk xi mard li jista' igib l'ilma kieghed, fuk il flus tal carta u fuk xi ħŭejjeġ oħra żghar li ma nokoghdu 'nsemmu xejn. Ma-dan-collu, il *Cumitat* katt ma kata jesu u telak mn'idejh din il biċċa tal *Emigrazzjoni*, imma baka' jitchixxef seŭŭa, igharbel u jara u jarġa jara; u ŭara li ghamel dan, chixef illi dan il ghajdut ma chienx ħlief ghageb tan-nies.

Li stess *Cumitat* chien talab lill *Gvern* sabiex dan ighidlu jecc isibx xi ħaġa l'iżżommu u xeħet f'idejh dac collu li chien ghamel geŭŭa *Memorandum*, (*Tifchira bil mictub*); u il *Cumitat* giè mgharraf, b'ittra mictuba fit-2 ta dan ix-xahar li aħna fih, illi il *Gvernatur* ma isib ebda ħaġa l'iżżommu biex tghaddi il kuddiem din l'*Emigrazzjoni*, imbasta ma tigix makrusa il *Caxxa ta Malta*.

Il ħsieb tal *Commendatur R. Vadalà* chien: illi cull ħaddiem ir-raba icollu passaġġ franc, tant ghaliħ chemm ucoll ghal familja tieghu, mghadudin il mara u it-tfal, il missier, l'omm u daŭc collha li jiġu minnu, u daŭc ucoll li icunu taħt idejh; u dan il passaġġ franc jintghata ucoll lill dac li imur iŭassalhom minn *Marsilja* sa *Santos* u minn hemm jarġa jigi; chif ŭieħed jarġa jiġi geŭŭa *Malta*, jecc fi żmien sentejn jimirdu u ma icunux jifilħu ghax-xoghol; u imbghad chif targa tiġi il familja ta bidŭi, jecc dan imut fiż-żmien tas-sentejn u ma iħallilhiex biex tghix.

Ghadd cbir ta familji sħaħ chien talab sabiex isiefru, iżda biċċa min-nies ta dan il ghadd ma setghux imorru imħabba il mard tal ghajnejn, oħrajn katghu kalbhom fil ħin tas-safar ghaliex xi gażetti kàlu illi din l'*Emigrazzjoni* ma hix sejjra isseħħ u dana ma chien tas-seŭ xejn. Sabiex il *Cumitat* ta din l'*Emigrazzjoni* jakta' fil kasir, ried jati xhieda jecc tistax tghaddi il kuddiem, billi jibghat tlietin familja.

Biljetti bla xejn ħlas, sabiex jinghakad il ghadd ta 30 familja, jistghu jittieħdu minn daŭc li jitolbu u daŭn icunu milkugha f'*San Paŭl* mil *Canoncu Charbon* li jieħu ħsieb ta dac collu li icun jonkoshom. Min irid isiefer ghandu jitlob lis-Sur *Vadalà*, u ma ghandux żmien ħlief sat-tnax ta April, xahar li aħna fih, u biex niftehmu aħjar, min fi ħsiebu isiefer, ghandu, kabel it-tnax ta dan ix-xahar, jidher f'ġurnata tax-xoghol li icun irid hu, mid-9 ta filghodu sa nofsinhar, geŭŭa li Stitut tal mard il ghajnejn li jinsab il *Hamrun*, sabiex icun mifli mil *Professur L. Manchè M.D.*

Il *Cumitat* b'kalbu collha jiżżi-ħajr lill *Gvernatur* u lil ta ŭarajh ghall' ittra li taŭ lill *Canoncu Charbon* sabiex jatiha lill *Conslu Ingliż* ta *San Paŭl*, sabiex dan jiekaf chemm jista' ma daŭc li jaslu hemm; u jiżżi ħajr ucoll lill' *Arciskof* ghall' ittra oħra mghotija lill' istess *Canoncu* sabiex jatiha lill' *Iskof* ta *San Paŭl*.

Nistkarr-ruħi. Sinjur, serv umili tieghec
CHARLES MATTEI,
*Segretarju Onorarju.*

## Ix-Xirca

**tas-Snajja, Manifattura u Cummerc**

**bi ħsiebha taghmel *Ŭirja ta* ĦŬEJJEĠ *maħdumin Malta*, ghal ħabta ta nofs mejju li gejj, fid-Dar taħħa—haŭn il-Belt, Strada Mezzodì, numru 28—chemm il darba icun hemm biż-żejjed min irid juri xoghlu.**

**Biex iddaħħal haŭn Malta ghodod ghas-snajja actar tajjbin, bi ħsiebha tati bħala l'*eŭŭel premju* NEUL MUDERN li jaħdem bil miccanismu.**

**Il premji jintaghtaŭ, chemm jista' icun, lil daŭc in-nies li icunu ħadmu il ħŭejjeġ jeŭ lid-Djar tas-snajja u li Stituti fejn il ħŭejjeġ icunu inħadmu.**

**It-talba biex ŭieħed jinchiteb ghandha issir, *sa 'l 20 ta April*, lis-Segretarju tax-Xirca, li jinsab fid-Dar li semmejna.**

**Ix-Xirca ghandha tàma cbira li cull-min iħobb jara dan ix-xoghol ta Malta sejjer il-kuddiem, iħabrec chemm jista' biex din il Ŭirja tirnexxi.**

### TŬISSIJET FUK IS-SAHHA

IT-TRABI

Barra minn dac li ghedtilcom fuk l'ichel tat-trabi, jinħtieġ illi infehemcom xi ħaġa fuk il-lbies, ir-rkad, il ħruġ u l'indafa taħħom. Jena nitchellem fuk-fuk biex ma inxabbaghcomx; nixtiek biss illi tiftacru li m'hux żmien mitluf cull ma taghmlu biex iżżommu l'uliedcom f'saħħithom.

It-tarbija ma ghandhiex titfiska bħala trajbu, bħalma ghadhom jaghmlu xi ommijet fir-rħula. Imma il gisem tat-tarbija ghandu icun fil ŭisa sabiex tista' tiċċaklak chif trid, biex tieħu aħjar in-nifs u biex ighaddilha aħjar mill' istoncu dac li tcun xorbot. Ghandha ucoll tista' titnaddaf bla tbatija meta icollha bżonn.

Mela, ghandu icollha kmis tat-tajjar artab (mhux tal ghażel, ghax dan dejjem chiesaħ u ma jixrobx il gharak). Fix-xitŭa icun tajjeb li fuk il kmis tat-tajjar tlibbsuha oħra tal flanella fina u ratba. Biex tirfdulha daharha u iżżommulha gisimha sħun, ghamlulha żeŭġ daŭriet b'faxxa tal flanella ħoxna. Ghan-naħa t'isfel, is-sarŭan, imfassal bħal nofs mactur, hu ħaġa tajjba ŭisk, ghax it-tindif tat-tarbija jista' isir malajr u bla ma titnażża'. Is-sarŭan hua użat minn cull ħadd, saħansitra f'daŭc il pajjiżi fejn il bard hua kalil bil bosta.

Minn fuk, libbsuha *bluża* tŭila tat-tajjar jeŭ aħjar tal flanella, li tghattilha sakajha, mhux dejjka fil ghonk u bil cmiem ŭiesghin u tŭal illi ighattulha idejha.—Rasha ghandha tinżamm frisca u mghottija bi scufja ħafifa u mhux b'ħafna xniexel u irbit taħt ghonkha. Li scufji tas-suf, maħdumin b'tokob cbar, ghandhom jiġu użati biss fil bard u ghall barra, biex it-tarbija ma ticsaħx — iftacru, immela, li ir-ras ghandha tinżamm frisca u ir-riġlejn ghandhom jinżammu sħan, bil calzetti tŭal, tat-tajjar fis-sajf u tas-suf fix-xitŭa.

Iż-żraben tal camoxx artab ghandhom icunu ŭiesghin in-naħa tas-sŭaba, biex daŭna ma jittriccbux fuk xulxin.

Meta it-trabi toħorġuhom barra fis-sajf, kisu li tlibbsuhom cappell tat-tiben ħafif, jeŭ tad-drapp illamtat, biex tħarsulhom rashom mis-sħana u ghajnejhom mid daŭl tax-xemx. Fix-xitŭa, imbaghad, biex ma iħossux bard tghattuhomx b'xallijet jeŭ capotti tkal, imma irfduhom tajjeb minn taħt bi ħŭejjeġ tas-suf.

Bosta ommijet jibżghu joħorġu l'uliedhom fix-xitùa u jaghalkuhom f'camra biex ma jieħdux xi riħ. Dan hua żbal cbir. L'arja tinħtieġ daks l'ichel. Ghaldakstant, il camra tat-tarbija ghandha tcun mimlija b'arja tajjba u imbiddla ma tul il ġurnata. Katt iżżommu it-trabi fil maghluk; oħorġuhom spiss (barra minn meta icun maltemp cbir) u la tibżghux mir-riħ jeù mix-xemx. Xitla imkieghda fil maghluk u fid-dell, tisfar u ma ticbirx, u hecc jiġri lill' uliedcom jecc iżżommuhom maghlukin.

Biex ma jieħdux riħ u icunu b'saħħithom, żommulhom gisimhom collu, minn rashom sa sakajhom, nadif, billi taħsluhom cull jum, b'ilma fietel fix-xitùa, u bil chiesaħ fis-sajf; u billi tħalluhom fl' arja tal ġonna chemm jista' icun.

Iva, daħħlu f'moħħcom, ommijet, illi l'arja tajjba tinħtieġ ghat-trabi u it-tfal actar milli jinħtieġ l'ichel. Daùc it-trabi illi jinżammu maghluka jibkghu sfajrin u bla saħħa, imma daùc li jiġru dejjem barra, ghalavolja, forsi, mitmughin ħażin, igibulec ghaxka tarahom dejjem bil culur f'ùiċċhom, laħamhom trongi u iebes, u ftit u xejn jimirdu. Mela, indafa u arja.

(*Jissocta*) L. MANCHE'.

## IL HOLKIEN

(*jissocta fuk is-seba' ħarġa*)

Ghedna li fil-Holkien żeùġ ħùejjeġ jiġbdu lil xulxin b-kaùùa mdakksa mal cobor u mal boghod tal ħaġa li tcun: acbar ma hi actar tiġbed; ibghad ma hi ankas tiġbed. Jiġri ghalhecc li l-art tùassal tiġbed sa certu boghod: boghod li ma hux ta mil u tnejn ghax biss biss il kamar li jigi boghod minn l-art bejn ùiehed u ieħor 238,800 mil kieghed f-boghod fejn l-art, acbar minnu daks sold minn tliett ħabbiet, kieghda taħcmu bil kaùùa tal ġbid taghha, u jecc ma tiġbdux ghal collox u tùakkghu fukha, jeù biex inghidu aħjar, jecc bil kaùùa ta xulxin l-art u il kamar ma jingibdux lejn xulxin u isiru tlief, jigi milli l-kamar bħal cull ħaġa oħra li naraù tiddi fis-sema ghandu fih in-nifsu kaùùa oħra li titfghu dejjem il kuddiem, kaùùa li taghfas mil genb lil l-oħra tal ġbid li semmejna, ticsirha bla ma jirnexxilha iżda li tirbaħha ghal collox, u hecc il kamar b'żeùġ kaùùiet jaħcmu fuku salib, il ùaħda tiġbdu u l-oħra tùaddbu, jibka' jdur ma l-art, bħal ma jiġri minn dac l-ilma li mkieghed geùùa bott marbut ghalak, mdendel ma idna il ùaħda b'xibrejn spaga, u mdaùùar bis-saħħa collha minn isfel ghal fuk, hu-u-ghaddej minn l-gholi tad-daùra, ghad li dac l-ilma ma jcollux ghatu li jżommu, ma jixxeridx: il kaùùa li chiecu tiġbdu minn geùùa l-bott u iġġaghlu jaka', tcun kieghda ticsirha l-kaùùa li biha jcun il bott ghaddej; u bħal ma l-ilma jaka' jecc ùieħed icun pront jakbad il bott chif icun rasu l-isfel fil gholi tad-daùra, hecc ucoll il kamar jaka' jecc tigi nieksa il kaùùa li kieghda tùaddbu. Esempiu ieħor ta daùn iż-żeùġ kaùùiet jaħcmu salib fuk xulxin insibuħ fil bicicletta, li b'żeùġ roti, ùaħda kuddiem l-oħra jecc il macna ma tiġrix taka' jigifieri jecc tigi nieksa ghal collox il kaùùa li iġġaghalha tiġri, taghmel taghha l-kaùùa tal ġbid lejn l-art u il macna taka'.

(*Jissocta*) G. VASSALLO.

Mil LUCERNA TAL HAJJA. — 3. Xortic f'idejc: aghżel: mal kaddis issir kaddis u mal ħażin issir ħażin.

## Chitbulna:

I.

Ittra
lill Ùisk Reverendu Dun Ġùann Gaùci
D.D., M.A.
Cerimonier tal Iskof

Ùisk Reverendu,

Imħajjar mit-tifsir sabiħ u ghażiż li tajtna fil maħbub *Habib* taghna fuk chif ghandna ingibu-ruħna geùùa il Cnisja f'certi ħinijet tal Kuddiesa, u fuk id-dakk tal kniepel ta ùakt is-*Sanctus*, u fuk il leùnijet tal Pianeti, u fuk ħùejjeġ oħra li il Cattolici jixrak icunu jafu, xtakt issa naghmillec mistoksija, li actarx m'hix ta fejda cbira bħal daùn li semmejna, imma jena nixtiek ùisk incun naf ha.

X'leùn ghandhom icunu il *veli* jeù *purtieri* li jitghatteù bihom is-Slaleb u il Qùadri tal Cnejjes minn Hadd Lażżru sa Sibt il-Ghid?... Jistghu icunu mustaxiji, li minn taħthom tidher ix-Xbiha?.... Jista' icollhom galluni tad-deheb jeù xi ħaġa irraccmata fukhom? ...

Hemm fejn jaghmluhom siùed nett, hemm fejn jaghmluhom viola carg u hemm fejn jaghmluhom viola ċar. Fi Cnisja ùaħda, rajt tnejn ta leùn ieħor, li taùni ùisk f'ghajnejja: il ùaħda caħla (celesti ċar, b'*Nome di Maria* cbir, irraccmat bid-deheb fukha); u l'oħra tas-satin abjad, bil galluni sofor. Rajt ucoll actar minn ùaħda bil *Kalb ta Gesù*, irraccmata bid-deheb u il ħarir aħmar, f'nofsha. U, jecc ma nisbaljax, rajt Salib cbir fuk palc tal Esercizzi mghotti b'mustaxija ħadra. Fi ftit cliem, rajt il leùnijet collha: imma l'actar li taùni f'ghajnejja chienu daùc il coħol u bojod bit-tlellix tarraccmu fukhom.

Ghall *Mistoksijet ta M. P. G.* ghadu ma ùiegeb ħadd s'issa u ma nafx iùiegbux, ghax in-nies moħħom fil frughat tal *foot-ball* u ħùejjeġ aghar. Mela, jecc joghġboc, fissrilna int ucoll ghaliex jitghatteù is-Slaleb u il Qùadri tal Madonna u tal Kaddisin; u, imbaghd, ùiegeb lili fuk il leùn u fuk il ghamla tal *veli* jeù *purtieri* li ghandhom jitghatteù bihom.

Niżżic-ħajr bil kuddiem: u, bl'acbar kima lejc, nitolboc tghoddni,

collni tieghec
L. S. B.

II.

Sur Direttur,

Nixtiek ftit tal ùisa fil ġurnal tant imfaħħar u imxerred tieghec *Il Habib*, biex ingib xi articuli fuk il biedja jeù is-sengha tar-raba, li jena kieghed nittraduci minn dac li chiteb is-Sur Ùistinu Randun. Jidhirli li ma hemmx bżonn nghidlec min hua is-Sur Randun, xi studji kieghed jaghmel u x'interess kieghed jieħu ghall biedja, ghax cullħadd jafu: ghalhecc illum, jec tcun compjacenti li tatini ftit tal ùisa, sejjer nghidlec xi ħaġa fuk *il moħriet il ġdid*.

Il bdieùa taghna, sa xi ftit żmien ilu, chienu nieksin minn certu moħriet ùisk necessarju u meħtieġ li l'effetti tieghu huma seùùa seù bħal daùc li ghandu *iz-zappun*, jigifieri li jakleb il ħamrija ta fuk taħt, ma illum bona-grazjja tas-*Società Agraria*, li bil bosta kieghda timpenja ghall progress tar-raba, dan il moħriet jinsab f'idejna. Dan il moħriet giè inventat mis-*Società Agraria* u maħdum minn certu Michelanġ Bugeja, imlakkam ta Lorbu, li jokghod iż-Żurriek, fi Strada San Michele, 47, u mill'istess *Xirca* giè ippremjat bħala strument ùisk necessarju u meħtieġ ghall progress tar-raba, li ix-Xirca li ġià semmejt fi ħsiebha taghmel xi ftit biex tkassamhom bħala premju nhar l'Imnarja, il Boschett. B'dan il moħriet imisshom ġià forniti il gabellotti taghna, ghax ghalihom hua tal bżonn u tal franchizza. Ma chif ? Dan li strument jarfa' fil ùiċċ dic il ħamrija li is-sugu taż-żibel taħħa icun miecul mis-siġar u mil-prodotti u jitfa' taħt dic l'oħra mimlja bis-sostanzi li in-nida u ix-xita icunu tefghu fukha. In-nida u ix-xita iniżżlu maħħom il ħmeġijet tal arja, li iservu ta gid ghas-sbuħija u il cobor tal prodotti, chif juruna il ħmiemel tal basal.

Il ħmiemel tal basal, ghalchemm icunu iccurati tajjeb miż-żibel u mit-tiskija, katt ma jisbieħu u jicbru ħlief mita jissakkeù mix-xita. Per mezz ta dan li strument, iż-żibel, li jigi imxerred mil gabellotti fil ùiċċ, xejn ma jitlef mis-sostanzi tieghu ghax minnu jigi mghotti u mirdum seùùa, ma jecc ma icunx mghotti hecc, iż-żibel jitlef it-terz tal forza tas-sustanza tieghu; ighatti seùùa ucoll iż żerriegha li tigi miżruha, li xejn ma tonkos, ghax il ghasafar u it-tajr tal ajru ma isibuhiex biex jecluha u fl'aħħarnett hua ta gid ghar-raba dan li strument ghax jekred il ħaxix collu li icun ghadu niebet u jeħles l'uċuħ tar-raba mil ħaxix ħażin, specialment mil ħaxixa ingliża, anzi dan il ħaxix iservi ta żibel ghall'istess raba, ghax jigi mardum taħt. Dan li strument, ġià la darba ghandu daùn l'effetti, chif ùieħed jista' jipprova u jara, hu ta gid cbir ghar-raba u tal bżonn ucoll ghall gabellotti, ghax fl'istess ħin hua tal franchizza, billi il bdieùa inakksu ix-xoghol u l'infik tal flus, chif cull-min ghandu iddehen jista' jifhem.

Dan li strument ossija il moħriet ġdid hua ùisk semplici u ħafif, biċċa landa tal ħadid imùaħħla ma vit, imkieghda kuddiem is-sejf (ta moħriet bħal-dari) u it-tarf taħħa poggjut fuk is-sicca.

Nixtiek li il bdieùa tal maħbuba Gżira taghna ineħħu minn geùùa moħhom tant ħmerijet u jaghmlu il ghakal billi jibdeù jistmaù it-tħabric, il pariri u it-taghlim tas-Società Agraria, li tant kiegheda taħdem biex tara sejjra il kuddiem il biedja, bħalma kieghed jidher f'bosta pajjiżi tad-dinja.

Ghal-lum biż-żejjed u ghoddni dejjem bħala ùieħed mis-servi fidili tieghec.

DUN VICENZ VASSALLO.

Minn ħal Tarxien,
fit-18 ta marzu, 1912.

## Ma dûar il Gzira

—Mita ùaslitilna l'ittra ta dac in-*Nisrani* (nhar l'erbgha ta gimghatejn ilu, f'nofs in-nhar, chif jidher mit-timbru tal Posta), diġà conna ctibna u baghtna ghand li stampatur l'articlu fuk il *Libertà tal Culti*: u hecc gejna ùiegibna ghall mistoksijet tieghu kabel ma ghamilhomna. Iżda dac in-*Nisrani* m'hux maghna u ħadd ma jaf actar minnu x'jigifieri *Xisma*. Naħfrulu, mela, bħala *Cattolici*, il ħmerijet collha li kalilna: u nitolbu ll'Alla jatiħ id-daùl.

—Fuk il *Concors*, irridu nghidu daùn it-tliet ħùejjeġ: l'eùùel nett, il *Chittieba principali* tal *Habib*, daùc li fl'eùùel ħarġa sejjaħnielhom il *Chittieba taghna* u l'oħrajn tal istess katgha, ma jieħdux sehem fil *Concors*, ghax dan ghamilnieħ biex inkanklu in-nies ta xeħta oħra; imbaghd, tajjeb li il chittieb ma jaghmelx ismu taħt l'articlu tieghu, imma f'locu jaghmel chelma li jidhirlu bħal *kaddis* u ismu b'dic il chelma miegħu jatihulna fuk carta barranija, ghax l'*Eżaminaturi* ghandhom jaraù x'chiteb u ma jimpurtahomx min hu; fl'aħħar, min, biex jibghat

